



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 110/24

il-Lussemburgu, 11 ta' Lulju 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-554/21 | HANN-INVEST, C-622/21 | MINERAL-SEKULINE et C-727/21 | UDRUGA KHL MEDVEŠČAK ZAGREB

L-Istat tad-Dritt: il-kulleġġ ġudikanti responsabbli għal kawża għandu jagħti deċiżjoni dwar l-eżitu tagħha waħdu

Kull indħil indebitu minn persuni esterni għall-kulleġġ ġudikanti għandu jiġi eskluż

Mekkaniżmu proċedurali intern għal qorti intiż li jevita diverġenzi fil-ġurisprudenza jew sabiex jirrimedja għal dan u sabiex b'hekk jiżgura ċ-ċertezza legali inerenti għall-prinċipju tal-Istat tad-dritt għandu huwa stess josserva r-rekwiżiti marbuta mal-indipendenza ġudizzjarja. B'mod partikolari, il-kulleġġ ġudikanti responsabbli għal kawża għandu jieħu d-deċiżjoni li ttejjm l-istanza waħdu. Kull indħil indebitu minn persuni li ma jkunux parti mill-kulleġġ ġudikanti għandu jiġi eskluż.

Fil-grati tat-tieni istanza Kroati, kull deċiżjoni adottata minn kulleġġ ġudikanti għandha tintbagħat lill-imħallef ta' reġistrazzjoni tal-qorti kkonċernata qabel ma titqies bħala mogħtija formalment u tkun tista' tiġi nnotifikata lill-partijiet.

L-imħallef ta' reġistrazzjoni għandu jinħatar mill-President tal-qorti kkonċernata. Fil-prattika, huwa għandu s-setgħa li jissospendi l-għoti ta' sentenza u li jagħti istruzzjonijiet lill-kulleġġ ġudikanti. L-intervent u l-isem tiegħu ma jkunux magħrufa mill-partijiet.

Jekk il-kulleġġ ġudikanti ma jikkonformax ruħu mal-istruzzjonijiet tiegħu, l-imħallef ta' reġistrazzjoni jista' jitlob li tissejjaħ laqgħa tas-sezzjoni. Huwa jista' joħroġ "pożizzjoni legali" vinkolanti għall-kulleġġi ġudikanti kollha li jappartjenu għas-sezzjoni. Il-kulleġġ ġudikanti kkonċernat li jkun diġà għalaq id-deliberazzjonijiet tiegħu għandu, jekk ikun il-każ, jemenda d-deċiżjoni ġudizzjarja tiegħu adottata qabel.

Skont il-Qorti Kummerċjali tal-Appell Kroata, dan il-mekkaniżmu proċedurali ġie ġġustifikat, sa issa, mill-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza tal-ġurisprudenza. Peress li kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tiegħu mad-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari mal-prinċipju tal-istat tad-dritt¹, hija staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi li d-dritt nazzjonali jipprevedi mekkaniżmu intern għal qorti nazzjonali li permezz tiegħu

- id-deċiżjoni ġudizzjarja adottata mill-kulleġġ ġudikanti responsabbli għal kawża tkun tista' tintbagħat lill-partijiet għall-finijiet tal-għeluq tagħha biss jekk il-kontenut tagħha jkun ġie approvat minn imħallef ta' reġistrazzjoni li ma jkunx jagħmel parti minn dan il-kulleġġ ġudikanti;
- laqgħa tas-sezzjoni ta' din il-qorti jkollha s-setgħa li ġġiegħel, permezz tal-ħruġ ta' "pożizzjoni legali", lill-kulleġġ ġudikanti responsabbli għal kawża jbidel il-kontenut tad-deċiżjoni ġudizzjarja li din tkun adottat qabel, meta din il-laqgħa tas-sezzjoni tinkludi wkoll imħallfin differenti minn dawk ta' dan il-kulleġġ ġudikanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, persuni esterni għall-qorti kkonċernata li quddiemhom il-partijiet ma jkollhomx il-possibbiltà li jsostnu l-argumenti tagħhom.

Il-garanzija ta' aċċess għal qorti indipendenti u stabbilita minn qabel bil-liġi timplika **li l-kulleġġ ġudikanti responsabbli għal kawża jieħu d-deċiżjoni li ttejjm l-istanza waħdu. Il-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti għandha tkun is-suġġett ta' regoli trasparenti u magħrufa mill-partijiet fil-kawża sabiex jiġi eskluż kull indħil indebitu min-naħa ta' persuni li jkunu esterni għall-kulleġġ ġudikanti u li quddiemhom il-partijiet ma jkunux setgħu jsostnu l-argumenti tagħhom.**

Madankollu, huwa ammissibbli mekkaniżmu proċedurali li, sabiex jiġu evitati diverġenzi fil-ġurisprudenza jew sabiex jirrimedjohom u sabiex b'hekk tiġi żgurata ċ-ċertezza legali inerenti għall-prinċipju tal-Istat tad-dritt, jippermetti lil imħallef ta' qorti li ma jidhox fil-kulleġġ ġudikanti kompetenti li jibgħat kawża quddiem kulleġġ ġudikanti estiż ta' din il-qorti, bil-kundizzjoni li: 1) il-kawża tkun għadha ma ġietx deċiża mill-kulleġġ ġudikanti inizjalment indikat, 2) iċ-ċirkustanzi li fihom tali rinviju jista' jsir ikunu stabbiliti b'mod ċar fil-leġiżlazzjoni applikabbli u 3) ir-rinviju inkwistjoni ma jċaħħadx lill-persuni kkonċernati mill-possibbiltà li jipparteċipaw fil-proċedura quddiem dan il-kulleġġ ġudikanti estiż.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) u, [fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



¹ Billi tagħmel parti, b'mod partikolari, mid-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, mid-dritt fundamentali għal smiġħ xieraq, l-indipendenza tal-qorti, il-prinċipju ta' kontradittorju u l-aċċess għal qorti stabbilita minn qabel bil-liġi.